MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 111/2007/2

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali**

**v.**

**Gaetana Aquilina u b'digriet tal-14 ta' Gunju 2011, Vincent Camilleri gie ammess jintervjeni *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim'awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2009 meta l-konvenuta Gaetana

Aquilina kienet giet misjuba hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti a tenur tal-Artikolu 1003 A u 907 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. F'dawk il-proceduri li kienu gew istitwiti mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali s-sentenza tghid hekk:

"Illi, permezz ta' citazzjoni intavolata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civli, fit 30 ta' Jannar 1996, Citazz Nru 303/1996 GV, Vincent Camilleri flimkien ma' Frances Vella, Sylvia Cutajar, Joseph Farrugia, Michael Farrugia, Lilian Caligari u Christopher Vella bhala mandatarju tal-imsiefra Carmela Mattinson, minn issa 'l quddiem imsejha "l-atturi" ppremettew illi huma, flimkien mal-konvenuta, fil-kwalita" taghhom ta' komproprjetarji, qasmu bejniethom f'diversi porzjonijiet l-art maghrufa bhala ta' "Wied il-Qoton" fil-limiti ta' Hal Far, u dan bis-sahha ta' kuntratt ta' divizjoni tal-hmistax (15) ta' Marzu, 1985, fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin; illi l-imsemmija art giet diviza fi tnax-il porzjon (12) u kull parti messu zewg porzjonijiet separati, wahda min-naha ta' fuq tal-imsemmija art "Ta' Wied il-Qoton" u l-ohra min-naha ta' isfel ta' l-istess art; illi l-porzjonijiet hekk divizi huma interkjuzi bhala rizultat tal-istess divizjoni; illi l-konvenuta qed tippretendi illi l-atturi ma ghandhom l-ebda dritt ta' moghdija minn fuq il-porzjonijiet taghha sabiex ikunu jistghu jaccedu ghall-porzjonijiet rispettivi taghhom; illi ghalkemm interpellata ufficjalment sabiex taddivjeni ghall-kuntratt jew ftehim relattiv, il-konvenuta baqghet inadempjenti u permezz ta' ittra ta' l-ewwel (1) ta' Dicembru, 1995 iddikjarat illi kienet biss lesta li taghti dritt ta' passagg personali fis-sens li dan id-dritt ma jkunx jista' jigi trasferit jew assenjat lil terzi; ghalhekk l-atturi talbu li dik il-Qorti sabiex (1) tiddikjara illi l-atturi, bhala proprjetarji tal-porzjonijiet rispettivi taghhom mill-art maghrufa "Ta' Wied il-Qoton" fil-limiti ta' Hal Far, ghandhom id-dritt ta' moghdija minn fuq il-porzjonijiet ta' xulxin, u kif ukoll minn fuq dawk tal-konvenuta, u dan sabiex jkunu jistghu jaccedu ghall-porzjonijiet rispettivi taghhom, liema porzjonijiet ilkoll gew hekk divizi fl-imsemmi att ta' divizjoni tal-15 ta' Marzu 1985, u dan *ai termini* tal-**artikolu 448 tal-Kodici Civili** u (2) sabiex tistabbilixxi, jekk mehtieg bl-opera ta' perit minnha mahtur, l-wisgha u d-direzzjoni tal-istess moghdija b'tali mod illi l-partijiet kollha jkunu jistghu

jaccedu ghall-porzjonijiet rispettivi taghhom bl-ingenji taghhom skont il- bzonn;

“Illi b'sentenza tal-11 ta' Dicembru 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, laqghat it-talbiet attrici, u dikjarat li l-atturi bhala proprjetarji tal-porzjonijiet rispettivi taghhom mill-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Wied il-Qoton" fil-limiti ta' Hal Far, ghandhom dritt ta' moghdija bl-ingenji u bil-vetturi taghhom minn fuq il-porzjonijiet ta' xulxin, kif ukoll minn fuq dawk tal-konvenuta, u dan sabiex ikunu jistghu jaccedu ghall-porzjonijiet l-ohra rispettivi taghhom, billi jaccedu mill-passagg kif ezistenti u cioe` l-passagg li jizbokka mill-isqaq adjacenti ghall-porzjonijiet A u B u jinzel ghad-dritt fuq il-porzjonijiet C, D, E u F u mbaghad idur ghal fuq il-porzjoni FF u *in parte* wkoll fuq il-porzjoni CC fejn jinzel u jisbokka fil-porzjoni FF u mbaghad idur ghan-naha tal-Punent fuq porzjonijiet CC, BB u AA u ghan-naha tal-lvant fuq porzjonijiet DD u EE liema direzzjoni hija ndikata bl-ahmar fil-pjanta a fol 255. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

“Illi minn din is-sentenza l-konvenuta hassitha aggravata u ghalhekk intavolat appell quddiem l-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Dicembru 2000 fejn talbet li din l-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Dicembru 2000 billi tichad it-talbiet attrici prevja lakkoljiment tal-eccezzjonijiet tal-appellanta. L-aggravji mressqa mill-appellanti kienu illi (a) l-Ewwel Qorti m'applikatx tajjeb il-principji legali li johorgu mill-**artikoli 728 sa 732 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**, (b) Illi t-tieni u tielet eccezzjonijiet ma kellhomx jigu michuda billi mill-provi rrizulta li l-porzjonijiet assenjati in divizjoni lill-atturi/mhumiex interkjuzi u (c) Illi l-**artikolu 448**, li huwa necessarjament "*di stretta interpretazzione*" ma jipprospettax passagg b'vetturi.

“Illi b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 16 ta' Marzu 2004, il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-konvenuta bl-ispejjez kontra l-konvenuta u kkonfermat is-sentenza tal-moghtija fil-Prim Istanza.

“Illi, permezz ta' rikors ipprezentat mill-atturi wara li giet deciza s-sentenza fl-Appell, liema rikors kien ipprezentat fl-atti tac-citazzjoni, l-atturi ppremettew illi recentement, il-konvenuta kkostruwiet hajt prorpju fuq il-passagg ezistenti senjatament f’dik il-parti fejn il-passagg jinzel u jizbokka fil-porzjon taghha FF. Tali hajt biddel id-direzzjoni tal-passagg ezistenti, in kwantu nbena proprju fuq art li kienet tifforma parti integrali mill-passagg ezistenti u ghalhekk l-access ma jistax jibqa ezercitat skont kif ordnat fis-sentenza.

“Illi, bhala konsegwenza tal-bini ta' dan il-hajt, l-access necessarjament qed ikollu jisposta ruhu ghal-lvant, cioe` lejn u anke *in parte* fuq il-porzjon l-ohra DD propjeta` tar-rikorrent, f’parti passagg fejn originarjament l-access kien jigi ezercitata interament fuq porzjoni FF. Apparti minn hekk, tali bini ta' hajt qed ixekkel serjament l-access kif originalment ezercitabbli in kwantu rrenda l-istess access aktar difficili billi dejjaq il-passagg proprju f’dik il-parti fejn il-vetturi jkollhom bzonn aktar spazju minhabba li jkunu qed iduru fuq il-lemin taghhom.

“Ghalhekk, l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti, *ai termini* tal-**artikolu 997 tal-Kap 12**, sabiex jinstitwixxi proceduri ta' disprezz kontra l-konvenuta Gaetana Aquilina, permezz ta' liema proceduri, il-konevnuta ghandha *'inter alia'*, tigi ordnata tnehhi l-imsemmi hajt, il-kostruzzjoni ta' liema, tikser id-*'decide'* u l-provvediment tas-sentenza citata;

“Illi permezz ta' digriet tal-Qorti Civili, Prim Awla moghtija fl 4 ta' April 2005, il-Qorti ordnat lir-rikorrent sabiex, *a tenur* tal-**artikolu 1003A** u **997 tal-Kap 12**, jipprocedu bil-procedura ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u biex il-konvenuta tigi ordnata tnehhi l-imsemmija kostruzzjoni li tikser il-provvediment tas-sentenza fuq citata.

“Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza.

“Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“1. Issib lill-konvenuta hajta ta' disprezz ghall-Awtorita' taghha *a tenut* tal-**artikoli 1003 A** u **997 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

“2. Tikkundanna lill istess konvenuta ghall-pieni preskritti mil-Ligi fl-istess artikoli fuq imsemmija;

“3. Tordna lill konvenuta sabiex tnehhi l-imsemmija kostruzzjoni li tikser il-provvediment tas-sentenza **“Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina”** kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis 16 ta' Marzu 2004;

“4. Tawtorizza lill-atturi sabiex, a spejjez tal-konvenuta, jaghmlu x-xoghlijiet kollha necessarji sabiex tali hajt jitnehha minn fejn inbena u dan fl-eventwalita` illi l-konvenuta tonqos milli tottempera ruhha mal-ordnijiet tal-Qorti f’peridu hekk stabbilit minn din l-Qorti.

“Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma tidhirx hija tista’ tigi mgieghla twiegeb ghall-akkuzi migjuba kontriha bil-mezz tal-mandat ta' skora jew arrest

… Omissis ...

“Rat ir-risposta guramentata ta’ Geatana Aquilina datata 26 ta’ Settembru 2007 a fol 24 tal-processfejn esponiet: -

“Illi hija ma kisret l-ebda parti tad-*decide* tas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **'Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina'** konfermata fl-appell fis-16 ta' Marzu 2004 u ghalhekk it-talbiet kollha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

“Illi l-proprjeta` li fuqha hemm il-passagg mertu ta' dawn il-proceduri kienet proprjeta' tal-esponenti u ta' hutha Vincent Camilleri, Frances Vella, Sylvia Cutajar, Joseph Farrugia, Michael Farrugia, Lilian Caligari u Carmela Mattinson u permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Gambin tal-15 ta' Marzu 1985 din il-proprjeta` giet diviza bejniethom.

“Fuq dan il-kuntratt ma kien hemm l-ebda indikazzjoni tal-passaggi u moghdija ghalkemm din ir-raba' kienet okkupata minn bidwi allura setgha jghaddi minn fejn ried. Minn zmien ghal zmien hu ghamel passaggi ghall-konvenjenza tieghu.

“Qabel ma saret id-divizjoni l-esponenti u hutha kienu hadu proceduri kontra l-bidwi biex jirriprendu lura l-proprjeta' ghall-uzu personali taghhom liema procedura ntemmet b'success u kien ghalhekk li hi u hutha pprocedew biex qasmu.

“Dak iz-zmien ma kienx hemm problemi u glied bejn l-ahwa.

“Wara xi zmien hut l-esponenti bdew jippretendu li kellhom dritt jghaddu minn fuq parti tal-proprjeta` li misset lill-esponenti u billi l-esponenti kienet qed tikkontesta dan id-dritt ghar-ragunijiet gja` ndikati f'dawn il-proceduri, dan ta lok ghas-sentenza fuq citata.

“Illi dan id-dritt ta' passagg, ghalkemm stabbilit bil-Qorti b'rizultat tal-fatt li gie necessitat minhabba l-qasma tal-proprjeta` bejn l-ahwa huwa prolungazzjoni ta' passagg gja` ezistenti aktar 'il fuq li jidjieq ghal wisa’ ta' seba' piedi u disa' pulzieri kif jidher mir-ritratt “GA1” ezebit mar-risposta tal-esponenti ghar-rikors promotur li ta lok ghal dawn il-proceduri li giet epprezentata fis-17 ta' Marzu 2005.

“Illi sussegwentement, ghalkemm fil-proprjeta' tal-esponenti kien hemm rampa, liema rampa kienet saret mill-bidwi u li ghaliha saret referenza mill-Perit Rene` Buttigieg li kien mahtur fil-proceduri fuq imsemmija, kien hemm min qed jghaddi bl-ingenji kif gie gie fuq il-kumplament tar-raba' tal-esponenti u kienu qieghdin jaghmlu hafna hsara u kien ghalhekk li l-esponenti hasset in-necessita` li jigi demarkat il-passagg u ghalhekk zewgha tella’ hajt tas-sejjiegh.

“Wara li tela’ dan il-hajt tas-sejjiegh hu nduna illi kien halla biss wisa’ ta' tmin piedi u ghaxar pulzieri u ghalkemm dan

kien aktar usgha mill-parti tal-passagg fuq imsemmi, xorta hasset il-htiega li dan jitwessa’ ghal ghaxar piedi u fil-fatt il-hajt tas-sejjiegh gie demolit u rikostruwit aktar ‘il hinn biex b'hekk thalla wisa’ ta' ghaxar piedi kif muri mill-i*sketch* li gie wkoll anness sussegwentement fl-atti tal-proceduri li taw lok ghal din il-kawza izda jidher li din ir-risposta addizzjonali ma ttihdietx in konsiderazzjoni meta nghata d-digriet tal-4 ta' April 2005.

“Illi din il-parti tal-passagg, cioe` l-wisa’ addizzjonali, ittiehdet mill-kumplament tal-proprjeta` tal-esponenti.

“Il-fatt illi hut l-esponenti ghandhom dritt ta' passagg kif fuq imsemmi ma jfissirx li dan il-passagg jintuza' irrisponsabbilment. Galadarba l-passagg, fil-karti aktar ‘il fuq huwa wiesa’ ta' seba' piedi u disa' pulzieri, dan huwa l-wisa’ li l-esponenti ghandha tkun obbligata li thalli u galadarba hija halliet *oltre* minn dan il-kejl, dan ifisser li hija ma kisret l-ebda disposizzjoni jew ordni tas-sentenza fuq imsemmija.

“L-esponenti wkoll tirrileva illi sabiex tiddeciedi dwar kemm ghandu jkun il-wisa’ tal-passagg hija talbet parir professjonali u ma qabbditx u ghamlet l-affarijiet minn jhedda. Il-konsulent legali tal-esponenti kien anke kkonsulta dwar dan mal-Perit Rene` Buttigieg.

“Ilium il-gurnata min kien jghaddi ghadu jghaddi. Illi l-esponenti tirrileva wkoll illi ohtha Carmela Mattinson, missha porzjoni art aktar ‘il fuq u din il-porzjoni ghandha faccata mal-kumplament tal-passagg fuq imsemmi min-naha ta' Nofsinhar, u, min-naha tat-Tramuntana ghandha faccata ma' triq pubblika. Minn din it-triq pubblika nfetah bieb wiesa’ hafna u minn dan il-bieb jghaddu anke ngenji kbar u ghal mument l-esponenti bdiet tikkontendi illi l-passagg proprju bejn l-ahwa kien jghaddi minn dan il-bieb il-wiesa’ u minn fuq l-ghalqa ta' ohtha Carmela Mattinson, izda meta hija talbet biex tinghata d-dritt li tghaddi mill-bieb u mill-ghalqa, ohtha u wlieda ma accettawx u kkontendew li l-passagg proprju kien dak fuq in-Nofsinhar tal-ghalqa taghha li jibqa' tielgha ‘l fuq u mhux minn fuq l-ghalqa taghha.

"Illi ghalhekk ghall-fini tal-obbligu tal-esponenti fir-rigward tas-sentenza fuq citata, hija obbligata biss li thalli passagg ta' wisa' ta' mhux anqas minn seba' piedi u disa' pulzieri. Hija mhiex obbilgata li thalli wisa' aktar minna hekk.

… Omissis ...

"Rat ir-risposta ulterjuri ta' Gaetana Aquilina datata 16 ta' Lulju 2008 a fol. 71 tal-process fejn ecceppiet li:-

"Illi l-proceduri odjerni huma nulli stante illi m'humiex il-proceduri idonei sabiex jigi indirizzat allegat ksur ossia nuqqas ta' ottemperanza tal-esponenti mas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina" konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004 u konsegwentement it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

… Omissis ...

"Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>.

"Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li l-konvenuta kkometiet disprezz lejn il-Qorti ghaliex hija bniet hajt proprju fil-passagg li kien ezistenti, liema passagg kien stabbilit bis-sentenza fl-ismijiet "Vincent Camilleri et vs Gaetana Aqulina" moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Dicembru 2000 (Citaz. Numru 303/96/GV) u sussegwentement kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-16 ta' Marzu 2004.

"Illi t-tezi tal-konvenuta hija li ma kisret l-ebda parti mid-*decide* peress li qed issostni li hija halliet passagg bizzejjed sabiex tigi rispetteta d-decizjoni tal-Qorti, fis-sens li hemm spazju bizzejjed sabiex fil-parti fejn hija ghandha l-porzjoni taghha jghaddu vetturi u ngenji ohra u dan kif spejgat fir-risposta taghha ghal dawn il-proceduri.

"Illi din il-Qorti thoss li fis-sentenza citata gie indikat car fid-dispositti v tal-istess sentenza li l-atturi f'dik il-kawza ghandhom bhala proprjetarji tal-porzjonijiet rispettivi taghhom mill-ghalqa maghrufa bhala "Ta Wied il-Qoton" fil-limiti ta' Hal Far, dritt ta' moghdija bl-ingenji u l-vetturi taghhom minn fuq il-porzjonijiet ta' xulxin, inkluz dik tal-konvenuta, u dan sabiex jaccedu ghall-porzjonijiet rispettivi taghhom, u dan billi jaccedu mill-passagg kif ezistenti u cjoe' passagg li jizbokka mill-isqaq adjacenti ghall-porzjonijiet A u B u jinzel ghad-dritt fuq il-porzjonijiet C, D, E u F u mbaghad idur ghal fuq il-porzjoni FF u *in parte* wkoll fuq il-porzjoni CC fejn jinzel u jisbokka fil-porzjoni FF u mbaghad idur ghan-naha tal-Punent fuq porzjonijiet CC, BB u AA u ghan-naha tal-lvant fuq porzjonijiet DD u EE liema direzzjoni hija ndikata bl-ahmar fil-pjanta a fol 255 tal-process tal-istess kawza, li hija riprodotta bhala Dok. "D" (fol. 34) f'din il-kawza.

"Illi jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza li effettivament l-istess konvenuta bniet hajt f'nofs l-istess passagg indikat fl-istess sentenza u dan kif jidher car minn kopji tar-ritratti esebiti bhala Dok. "B" (fol. 32) u Dok. "A" (fol. 31) u Dok. "C" (fol. 33), b'dan li din il-Qorti thoss li l-istess konvenuta marret kontra d-dispositti v tal-istess sentenza, fis-sens li hija qed timpedixxi lill-atturi mill-uzu tal-istess passagg indikat fl-istess sentenza, proprju bil-bini tal-istess hajt f'nofsu. F'dan is-sens din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-intimata fir-risposta taghha, anzi jirrizulta li bl-agir taghha konsistenti fil-bini tal-istess hajt, hija kisret u marret kontra d-*decide* tal-istess sentenza, fis-sens li hija bniet tali hajt fil-passagg li gie indikat mill-Qorti li l-atturi ghandhom dritt jghaddu minnu bil-vetturi u bl-ingenji, b'dan li l-passagg deskritt u stabbilit fl-istess sentenza, ma huwiex dak deskritt mill-istess intimata fir-risposta u x-xhieda taghha, izda dak li kien ezistenti, u dak deskritt fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-11 ta' Dicembru 2000 (Citaz. Numru 303/96/GV) bhala tali. B'hekk l-eccezzjonijiet tal-intimata fir-risposta taghha tas-26 ta' Settembru 2007 qed jigu michuda.

"Illi dwar ir-risposta ulterjuri fejn qed jinghad li din ma hijiex il-procedura idoneja jinghad li din l-eccezzjoni

lanqas tista’ tigi milqugha u dan in vista ta’ dak li nghad fis-sentenzi **“Edward Camilleri nomine vs Carmelo Vella”** (A.C. – 7 ta’ Ottubru 1997) u **“Frances Napier vs Emanuel Galea”** (P.A. (JRM) – 27 ta’ Gunju 2002) fejn inghad li min jisfida sentenza li tkun saret gudikat ma jkunx qieghed jaghmel haga ohra ghajr li juri nuqqas ta’ rispett u disprezz lejn l-awtorita’ gudizzjarja u lejn l-ordni pubbliku li s-sentenza tkun stabbiliet.

“Illi tenut kont ta’ dan kollu t-talbiet attrici qed jigu milqugha.

**III. <u>KONKLUZJONI</u>.**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad kemm ir-risposta guramentata u kemm r-risposta ulterjuri tal-intimata, **tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-
“1. Issib lill-konvenuta hatja ta' disprezz ghall-Awtorita' taghha *a tenur* tal-**artikolu 1003 A** u **997 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

“2. Tikkundanna lill-istess konvenuta ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt ewro (€500) li ghandhom jithallsu fi zmien hmistax-il gurnata millum fir-Registru tal-Qorti.

“3. Tordna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni tnehhi l-imsemmija kostruzzjoni, konsistenti fil-hajt indikat fir-ritratti (Dok. “A” sa Dok. “C” – fol. 31 sa 33) li jikser il-provvediment tas-sentenza **'Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina'** kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu 2004 u dan taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Robert Musumeci li qed jigi nominat ghal dan l-iskop a spejjez tal-istess intimata.

“4. Fin-nuqqas tal-konvenuta li tottempera ruhha mal-ordnijiet tal-Qorti fil-perjodu hekk stabbilit f’din id-decizjoni tawtorizza lill-atturi fis-sentenza citata fl-ismijiet “Vincent Camilleri et vs Gaetana Aqulina” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Marzu 2004 sabiex a spejjez tal-konvenuta, jaghmlu x-xoghlijiet kollha

necessarji sabiex tali hajt jitnehha minn fejn inbena u dan ix-xoghol ghandu jsir taht id-direzzjoni tal-istess Perit Arkitett Robert Musumeci nominat ukoll a spejjez tal-istess intimata.

“Bl-ispejjez kontra l-intimata Gaetana Aquilina.”

**L-appell tal-intimata**

L-intimata hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fit-30 ta’ April 2009, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilqa’ l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talbiet tal-appellat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Ma giet ipprezentata ebda risposta mid-Direttur appellat.
L-aggravju tal-appellanti, li qed jigi riprodott verbatim ghall-ahjar intendiment tal-kummenti ta’ din il-Qorti, gie impostat bil-mod segwenti:-

*“Illi l-ewwel Qorti giet impressjonata bi tlett ritratt(i) li ezebixxa Vincent Camilleri u li jinsabu a fol 31, 32 u 33 tal-process u partikolarment bir-ritratt a fol 32 il-Qorti fehmet illi l-hajt qieghed f’nofs il-passagg.*

*“Illi l-esponenti tenfasizza illi fil-fatt ir-ritratti ma jurux stampa cara u attwali u fil-fatt jaghtu stampa skorretta u li tqarraq.*

*“Fl-ewwel lok hemm xhieda u anke pjanti ohra ezebiti fil-process li juru bic-car illi fil-fatt il-passagg kif indentifikat fuq il-pjanta a fol 255 tal-kawza inizjali, ghadu hemm sal-lum u sahansitra jinghad ukoll illi l-parti aktar ‘l fuq ta’ dan il-passagg, jigifieri fil-parti li trid tghaddi minnha bilfors qabel ma tigi ghal fuq il-proprjeta tal-esponenti, dan il-passagg huwa wisa’ biss ta’ seba’ piedi u disa’ pulzieri u ghalhekk proprjament l-esponenti m’ghandhiex ghalfejn thalli aktar wisa’ minn daqshekk izda fil-fatt hija halliet wisa’ ta’ ghaxar piedi. Certament hija bl-ebda mod ma*

*ostakolat l-access li ghandu dritt ghalih Vincent Camilleri skond l-Art 448 tal-Kodici Civili.*

*"Jigi rilevat ukoll li dan l-access m'huwiex access kuntrattwali u lanqas ma jikkostitwixxi servitu` izda huwa access ta' necessita` u konsegwentement meta jsir hekk, filwaqt li ma jithallasx kumpens lill-persuna li ser thalli lin-nies jghaddu minn fuqha, bhalma hija l-esponenti, mill-banda l-ohra l-esponenti ghandha dritt li tara li tali access jsir bl-inqas hsara ghaliha.*

*"Illi inoltre, jigi rilevat illi Vincent Camilleri allega illi l-esponenti dawret il-passagg b'tali mod u manjiera illi parti minnha hija fuq l-art taghha u parti minnha hija minn fuq l-art tieghu. Dan assolutament mhuwiex minnu u fil-fatt hemm kawza pendenti bejn l-esponenti u Vincent Camilleri sabiex jigu stabbiliti l-konfini precizi bejn il-proprjetajiet rispettivi taghhom u r-relazzjoni ta' Perit mahtur mill-Qorti turi illi fil-fatt il-linja li kien qed jipprova jorbot fuqha Vincent Camilleri m'hijiex linja dritta izda hija linja mghawga u kien qed jipprova jinvadi l-proprjeta` tal-esponenti b'wisa' ta' cirka erba' piedi u billi Vincent Camilleri ma kienx sodisfatt b'dan, talab il-hatra ta' Periti Addizzjonali. Dan huwa prezentat izda ghadu ma giex mahluf.*

*"Illi ghalhekk fi-dawl tal-premess jidher evidenti illi m'hemmx provi sufficjenti biex juru li l-esponenti b'xi mod marret kontra dak li gie ordnat fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili kif konfermata fil-Qorti tal-Appell fl-2004, anzi l-provi juru illi l-esponenti qadet ghal din is-sentenza u semplicement tellghet cint biex tipprocedi [recte – tipprotegi] l-kumplament tal-proprjeta` minn abbuzi li kienu qed isiru minn nies li jghaddu kif gie gie minn fuq hwejjigha – haga li l-esponenti kellha kull dritt li taghmel skond il-ligi.*
*"Mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi fil-fatt in-nies li jghaddu minn hemmhekk jghaddu liberament bit-trukkijiet, vannijiet u landrovers u certament din hija prova soddisfacjenti li fil-fatt kieku, kif qal Vincent Camilleri, il-hajt inbena f'nofs il-passagg, dan il-passagg kien ikun wisa' ta' ftit pidi u certament ma kienx ikun wisa' ta'*

*ghaxar piedi kif fil-fatt huwa pprovat mill-esponenti, kemm mix-xhieda taghha kif ukoll mill-pjanti minnha prodotti.”*

Din il-Qorti, ezaminat l-atti u, wara li anke accediet fuq il-post inkwistjoni, hija tal-fehma li l-aggravji mressqa mill-appellanti, kif hawn fuq riprodotti, ma humiex gustifikati ghar-ragunijiet segwenti:

a) Dwar il-fatt li l-ewwel Qorti bbazat ruhha fuq ritratti li gew esebiti in atti jigi osservat biss li fl-istadju tal-appell u fuq insistenza tal-appellanta, inzamm access fil-prezenza tal-partijiet u d-difensuri taghhom u rrizulta li dak li jidher fir-ritratti huwa minnu. Infatti l-hajt li nbena mill-intimata appellanti johrog ’il barra mil-linja tal-passagg “*ezistenti*” fiz-zmien tas-sentenza.

b) Illi ghalkemm huwa minnu li fil-maggor parti tieghu l-passagg ezistenti fid-data tal-qasma u li jissemma fis-sentenza tal-11 ta’ Dicembru, 2000, ghadu hemm sal-lum, il-fatt li l-wisa’ tieghu, f’xi bnadi, hija ferm anqas mill-parti kontestata, huwa assolutament irrilevanti ghas-soluzzjoni tal-mertu ta’ din il-kawza. L-argument mressaq mill-appellanti f’dan il-kuntest seta kien validu fil-proceduri ghad-determinazzjoni tad-dritt u estensjoni tal-passagg li gew determinati bis-sentenza tal-Prim’awla tal-11 ta’ Dicembru, 2000 u kkonfermata bis-sentenza ta’ din il-Qorti, kif dakinhar komposta, fis-16 ta’ Marzu, 2004. Ghal kuntrarju l-kwistjoni f’dawn il-proceduri kienet u tibqa’ limitata u nkwadrata mill-ilment li ressaq Vincent Camilleri biex gew inizjati dawn il-proceduri ta’ disprezz. Fir-rikors li intavola l-istess Vincent Camilleri, li kopja tieghu tinsab a fol. 13 u 14 tal-process, huwa jghid hekk: “*Illi dan l-ahhar il-konvenuta ikkostruwiet hajt proprju fuq il-passagg ezistenti senjatament f’dik il-parti fejn il-passagg jinzel u jisbokka fil-porzjoni taghha FF, liema hajt jidher fir-ritratti hawn uniti Dok A.”* L-ewwel Qorti, kif jidher fis-sentenza appellata, dak li ezaminat u cioe` jekk saritx xi kostruzzjoni fil-passagg fejn qabel ma kienx hemm.

c) Jekk id-dritt ta’ passagg huwiex wiehed kuntrattwali jew le huwa wkoll irrilevanti. Illum bis-sentenza citata jidher li gie stabbilit, darba ghal dejjem,

mhux biss id-dritt ta' passagg, kif jidher fil-pjanta a fol. 34 tal-process, izda wkoll l-estensjoni u wisa' tal-istess billi l-Qorti stabbilit li dak il-passagg kellu jkun bhal ma kien "*ezistenti*" u ebda parti ma tista' b'att taghha tbiddel is-sitwazzjoni kif kienet vigenti fid-data tas-sentenza.

d) Fejn inbena l-hajt mill-intimata wkoll mhux rilevanti f'dawn il-proceduri. Il-passagg kellu jibqa' kif kien u konsegwentement ma setghet issir ebda kostruzzjoni fih. Anke l-proceduri "*finium regundorum*" imsemmija mill-appellanti, ukoll ma ghandhom ebda rilevanza f'dawn il-proceduri billi hawn si tratta minn dritt u estensjoni ta' passagg fuq proprjetajiet ta' diversi kondividendi. Isegwi li kemm 'il darba jigi stabbilit il-konfini ta' diversi porzjonijiet, - gialadarba l-passagg, kif ezistenti, ghaddej minn fuq id-diversi proprjetajiet, - ebda parti ma takkwista xi drittijiet ulterjuri jew tnaqqas l-obbligi taghha fil-konfront tal-komproprjetarji l-ohra bid-determinazzjoni tal-proceduri ntentati.

e) Il-fatt li l-hajt ittella' f'nofs il-passagg huwa indikattiv li l-intimata ma kienitx qed tottempera ruhha mas-sentenza. Ghal kuntrarju jidher li dan l-agir tal-intimata appellanti kien abbuziv u jmur kontra dak li gie deciz. Infatti b'dan il-mod, kif anke jidher mis-sottomissjonijiet fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-intimata pprovat taghti effett ghall-eccezzjonijiet taghha fil-proceduri 303/96 li kienu gew michuda. Fi proceduri ghad-disprezz lejn il-Qorti mhux kompitu tal-Qorti, adita b'dawk il-proceduri, li tezamina l-mertu tas-sentenza originali izda li tara biss jekk dak li ghadda in gudikat giex osservat jew le.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, l-appell tal-intimata qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata b'dan li t-terminu ta' ghoxrin gurnata impost fis-sentenza appellata jibda jiddekorri mil-lum. L-ispejjez ta' dan l-appell ikunu a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------